# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 13 ta' Marzu, 2025.**

**Numru: 5**

**Rikors numru 862/2016/1 RGM**

**Philip *sive* Pinu Azzopardi**

**v.**

**Rosina Cassar, Raphael Scerri, Silvia Zammit u Maria Debono;**

**u b'digriet tad-9 ta' Awwissu, 2021 l-atti ġew trasfużi f'isem Joe Debono *stante* li Maria Debono mietet fil-mori tal-kawża;**

**u b'digriet tal-20 ta' Jannar, 2022 il-konvenuti Joe Debono u Silvia Zammit ġew estromessi mill-kawża**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attur Philip *sive* Pinu Azzopardi kontra sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-

26 ta' Settembru, 2023, fejn din: (i) laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u ddikjarat li l-azzjoni mressqa mill-attur mhijiex waħda li tressqet qabel iż-żmien; (ii) laqgħet il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti; u (iii) ċaħdet it-talbiet tal-attur, bl-ispejjeż tal-kawża kontrih.

**Daħla**

2. B'rikors imressaq fit-28 ta' Settembru, 2016, l-attur fisser li b'testment tal-20 ta' Awwissu, 2010, huwa nħatar bħala l-werriet ta' Salvatore Zammit, li miet fl-10 ta' Novembru, 2010. Issokta jgħid li l-konvenuti mexxew b'numru ta' proċeduri ġudizzjarji kontrih, fosthom il-mandat ta' deskrizzjoni bin-numru 89/2011GCD, il-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 155/2011JZM u kif ukoll il-kawża 55/2011JA. Tenna li b'kawża tal-mandat ta' inibizzjoni, hawn fuq imsemmi, li nħareġ kontrih, huwa ma jistax jgawdi u jagħmel użu minn dak li wiret mingħand Salvatore Zammit u sejjer ikun qiegħed iġarrab danni kbar li jikkonsistu kemm f'telf ta' dħul mill-operat tal-beni mħollija lilu u kif ukoll f'multi u mgħaxijiet kbar minħabba l-fatt li huwa ma jistax jagħmel id-dikjarazzjoni *causa mortis*.

3. Għalhekk, huwa fetaħ din il-kawża u talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tiddikjara li l-intimati kkawżaw danni lir-rikorrenti konsistenti f'telf monetarju minħabba li ma jistax igawdi l-frott tal-wirt tiegħu, kemm fil-forma tagħha meta wiret, kif ukoll fil-forma li hu seta' taha bħal pereżempju żvilupp, kirjiet, spekulazzjoni u oħrajn;*

*2. Tiddikjara li l-intimati kkawżaw danni lir-rikorrenti konsistenti* [sic!] *minħabba li ma jistax jagħmel id-denunzja causa mortis u konsegwentement qiegħed jinkorri mgħax ta' tmienja fil-mija kull sena fuq it-taxxa dovuta;*

*3. Tillikwida, okkorrendo bil-ħatra ta' perit nominandi l-ammont ta' danni lir-rikorrenti konsistenti f'telf monetarju minħabba li ma jistax igawdi l-frott tal-wirt tiegħu, kemm fil-forma tagħha meta wiret, kif ukoll fil-forma li hu seta' taha bħal pereżempju żvilupp, kirjiet, spekulazzjoni u oħrajn;*

*4. Tillikwida, okkorrendo bil-ħatra ta' perit nominandi l-ammont ta' danni minħabba li ma jistax jagħmel id-denunzja causa mortis u konsegwentement qiegħed jinkorri mgħax ta' tmienja fil-mija kull sena fuq it-taxxa dovuta;*

*5. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallsu lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat f'telf monetarju minħabba li ma jistax igawdi l-frott tal-wirt tiegħu, kemm fil-forma tagħha meta wiret, kif ukoll fil-forma li hu seta' taha bħal per eżempju żvilupp, kirjiet, spekulazzjoni u oħrajn;*

*6. Tikkundanna li l-intimati jew min minnhom iħallsu lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat minħabba li ma jistax jagħmel id-denunzja causa mortis u konsegwentement qiegħed jinkorri mgħax ta' tmienja fil-mija kull sena fuq it-taxxa dovuta;*

*Bl-ispejjeż tal-mandat ta' sekwestru, kif ukoll l-imgħax kontra l-intimati, li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.»*

4. Il-konvenuti Rosina Cassar, Maria Debono u Silvia Zammit wieġbu għar-rikors tal-attur fit-13 ta' Ottubru, 2016, u ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. In linea preliminari l-azzjoni attriċi hi intempestiva u prematura peress illi l-proċeduri fl-ismijiet inversi per Ċitazz Nru. 55/2011/JA, konsegwenti għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni, għadhom ma ngħalqux;*

*2. Illi f'dawk il-proċeduri l-eċċipjenti qegħdin jitolbu l-impunjattiva tat-testment li bih l-attur ġie istitwit eredi, u tali rimedju hu lilhom konsentit mil-liġi. Konsegwentement, ma jistax jiġi sanzjonat tali rimedju għal min ifittex għall-jeddijiet tiegħu;*

*3. Illi dawn il-proċeduri bl-ebda mod ma kienu jostakolawh milli jagħmel id-Dikjarazzjoni Causa Mortis u għaldaqstant il-pretiża tiegħu f'dan il-kuntest hi għal kollox fiergħa;*

*4. Illi l-attur għandu jiddikjara taħt liema dispożizzjoni/jiet tal-liġi huwa qiegħed jibbaża l-azzjoni tiegħu;*

*5. Illi f'kull każ jinkombi fuq l-attur il-prova tat-temerarjetà ta' dak dedott mill-esponenti bil-Mandat surreferit u tal-azzjoni konsegwenzjali, u biex jirnexxu t-talbiet tiegħu għad-danni hu jeħtieġlu jipprova li l-esponenti aġixxew in mala fede, kif hekk jgħallmu sew id-duttrina u l-ġurisprudenza.*

*6. Illi b'mod ġenerali t-talbiet kollha tal-attur huma assolutament infondati fil-fatt u fid-dritt u huwa għandu jbati l-ispejjeż tal-istanza.*

*Salvi eċċezzjonijiet oħra.»*

5. Imbagħad, fis-17 ta' Ottubru, 2016, Raphael Scerri ressaq it-tweġiba maħlufa tiegħu, fejn qal hekk:

*«1. Preliminarjament, l-intempestività tal-azzjoni attriċi inkwantu l-proċeduri ġudizzjarji li għalihom saret riferenza fir-Rikors Ġuramentat, jiġifieri Ċitazzjoni Numru 55/2011JA, għadhom ma ntemmux.*

*2. Illi 'qui suo iure utitur neminem laedit': L-eċċipjent istitwixxa dawk il-proċeduri sabiex huwa flimkien ma' persuni oħra jimpunja t-testment li bih l-attur ġie istitwit eredi, u kiseb ukoll il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni mill-Qorti Ċivili sabiex iżomm lill-attur milli jaċċedi għall-wirt ta' Salvu Zammit. Dawn ir-rimedji huma konsentiti mil-liġi. Konsegwentement, ma jistax jiġi sanzjonat tali rimedju għal min ifittex għall-jeddijiet tiegħu.*

*3. Illi dawk ir-rimedji ntalbu mill-eċċipjent u Rosina Cassar, Maria Debono u mir-raġel ta' Silvia Zammit iżda nħarġu <u>b'ordni u bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti Ċivili</u> għaliex instab li huma meħtieġa u ġusitifikati sal-grad 'prima facie' kif trid il-liġi. L-ebda aġir abbużiv da parti tagħhom ma jirriżulta.*

*4. Illi inoltre, dawk il-proċeduri bl-ebda mod ma kienu jostakolawh milli jagħmel id-Dikjarazzjoni 'causa mortis', u għalhekk il-pretiża tiegħu f'dan il-kuntest hi għalkollox fiergħa.*

*5. Illi l-attur għandu jindika taħt liema dispożizzjoni tal-liġi huwa qed jibbaża l-azzjoni tentata minnu.*

*6. Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għall-premess, jinkombi fuq l-attur il-piż tal-prova tat-temerarjetà ta' dak dedott mill-esponenti permezz tal-mandati ta' deskrizzjoni u ta' inibizzjoni u tal-azzjoni għall-impunjattiva tat-testment ta' Salvu Zammit, u biex jirnexxu t-talbiet tiegħu għad-danni hu jeħtieġlu jipprova li l-eċċipjent aġixxa in mala fede, hekk kif jgħallmu sew id-dottrina u l-ġurisprudenza.*

*7. Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju, it-talbiet kollha tal-attur huma assolutament infondati fil-fatt u fid-dritt – anzi huma abbużivi – u huwa għandu jbati l-ispejjeż tal-kawża interament.*

*8. Salvi eċċezzjonijiet oħra.»*

6. B'nota mressqa fid-19 ta' Jannar, 2022, l-attur ċeda l-kawża tiegħu biss fil-konfront tal-konvenuti Silvia Zammit u Joseph Debono, li kienu daħlu fil-kawża minflok il-konvenuta Maria Debono li kienet mietet waqt li kienet miexja l-kawża, u b'hekk, b'digriet tal-20 ta' Jannar, 2022 l-Ewwel Qorti ordnat it-tneħħija tagħhom mill-kawża.

7. B'sentenza tas-26 ta' Settembru, 2023, l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża b'dan il-mod:

*«1. **Tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u tiddikjara li l-azzjoni tal-attur mhijiex waħda intempestiva;*

*2. **Tilqa'** r-rimanenti eċċezzjonijiet tal-konvenuti.*

*3. **Tiċħad** it-talbiet attur.*

***Spejjeż** a karigu tal-attur.»*

8. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex tiddeċiedi hekk kienu dawn:

*«**Fatti pertinenti***

*12. Preċedentement għall-kawża odjerna, fl-20 ta' Jannar 2011 Nazzareno Zammit, Salvatore Zammit, Rosaria Cassar, Alfred Scerri, Maria Debono, Pawlu Busuttil, Giovanni Zammit u Maria Carmela Polidano talbu l-ħruġ ta' Mandat ta' Deskrizzjoni bin-numru 89/2011 kontra Philip sive Pinu Azzopardi, liema mandat ġie akkordat fil-21 ta' Jannar 2011. Kontestwalment mal-imsemmi mandat l-istess rikorrenti intavolaw azzjoni fejn fiha kkontendew li Salvatore sive Salvinu Zammit*

*la kellu s-saħħa u lanqas ir-rieda u fakultajiet intellettwali sabiex ikun jista' jagħmel testment bil-libera volontà tiegħu u għalhekk talbu lill-Qorti tiddikjara li t-testment tiegħu tal-20 ta' Awwissu 2010 mhux validu skont il-liġi. B'sentenza tat-28 ta' Frar 2020 it-talba atturi tal-imsemmija azzjoni ġiet miċħuda iżda tliet xhur wara u ċjoè fit-8 ta' Ġunju 2020 l-atturi f'dik il-kawża intavolaw appell li għadu pendenti.*

*13. In oltre fit-2 ta' Frar 2011 Alfred Scerri u John Zammit talbu u ottjenew il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni bin-numru 155/2011 kontra Philip sive Pinu Azzopardi fejn talbu lill-Qorti iżżomm lill-intimat milli:*

> *«Jissokta bil-likwidazzjoni, bħala werriet, tal-eredità ta' Saviour Zammit sive Salvatore sive Salvinu Zammit, li kellu karta tal-identità 159028M, iben ġuvni ta' Francesco Emanuele sive Manwel u Maria Pia née Busuttil, imwieled Safi u residenti 86, Triq San Pawl, Safi, li miet fl-10 ta' Novembru 2010, u dan peress li t-testment tal-20 ta' Awwissu 2010, qed jiġi impunjat b'kawża fl-ismijiet "Rosina Cassar et vs Philip sive Pinu Azzopardi" ippreżentata fl-20 ta' Jannar 2011.»*

*Wara li l-Qorti qieset li "hija sodisfatta li, mingħajr il-ħruġ tal-mandat, ma jkun hemm proprju xejn li jżomm lill-intimat milli jiddisponi kif jixtieq fil-kwalità tiegħu ta' eredi mill-assi ereditarji tad-decujus aċċertat il-fatt li n-nomina tal-intimat bħala eredi qiegħda tiġi kontestata b'azzjoni ad hoc" għaddiet sabiex laqgħet it-talba għall-ħruġ tal-mandat kawtelatorju.*

*14. Fil-mandat imsemmi fil-paragrafu ta' qabel dan, saret referenza għal Mandat ta' Inibizzjoni ieħor bin-numru 90/2011, liema mandat kien intalab mill-istess atturi fil-kawża l-oħra. It-talba fil-Mandat ta' Inibizzjoni 90/2011 kienet sabiex iżomm lil Philip sive Pinu Azzopardi milli "jidħol fil-post 86, Triq San Pawl, Safi, milli jiddisponi jew jittrasferixxi jew jikri jew jippleġġja l-istess proprjetà, u kull oġġett li jinsab fl-istess proprjetà, inkluż ir-razzett li jinsab fi Triq Lajzer, Safi, u kull oġġett li jinsab fl-istess proprjetà, inkluż il-muturi tal-ħart." B'digriet mogħti seduta stante fl-1 ta' Frar 2011 il-Qorti ċaħdet it-talba, "Billi prima facie ma jidhirx li r-rikorrenti għandhom il-jedd minnhom vantat u li f'kull każ dan il-jedd ma jidhirx li jiġu preġudikati irrimedjabbilment fin-nuqqas ta' ħruġ ta' mandat".*

*15. Fl-14 ta' Diċembru 2016 Philip sive Pinu Azzopardi ppreżenta rikors ġuramentat bin-numru 1125/2016 kontra Rosina Cassar, Raphael Scerri, Maria Debono u Silvia Zammit fejn fih ippremetta li fil-5 ta' Settembru 2019 huwa kien intavola mandat ta' sekwestru bin-numru 1287/2016 kontra Rosina Cassar, Raphael Scerri, Maria Debono u Silvia Zammit, liema mandat ġie segwit bil-kawża odjerna. Fisser li fis-17 ta' Ottubru 2016, l-intimati ppreżentaw talba għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 926/2016. B'digriet tas-7 ta' Diċembru 2016 il-Qorti laqgħet it-talba għar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 1287/2016. Kompla jfisser f'dan ir-rikors li huwa ġie mċaħħad milli jikkawtela l-pożizzjoni tiegħu u huwa għalhekk li huwa jrid jikkawtela l-pożizzjoni tiegħu f'każ li tintlaqa' t-talba tiegħu għal ħlas ta' danni. Għalhekk talab lill-Qorti:*

> *«I. Tiddikjara li l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru huwa neċessarju sabiex ir-rikorrenti jikkawtela l-pożizzjoni tiegħu kontra l-intimati, inter alia, għal dak li jirrigwarda danni, multi u penali li jiġu inkorsi peress li ma tistax tiġi pubblikata u mħallsa l-causa mortis ta' Salvatore Zammit (KI 159028M).*
>
> *II. Tordna l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru sabiex l-esponent jikkawtela l-pożizzjoni tiegħu.»*

*B'sentenza tas-27 ta' April 2017 din il-Qorti diversament preseduta laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u għaddiet biex ċaħdet it-talbiet attur.*

*16. Imiss għalhekk issa li tiġi deċiża l-kawża odjerna. Bl-azzjoni odjerna l-attur qiegħed jippretendi li għandu d-dritt jirreklama d-danni għall-fatt li l-konvenuti talbu u ottjenew il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontrih fuq imsemmi. Jissottometti li dawn l-atti ġudizzjarji ġabulu telf monetarju "minħabba li ma jistax igawdi l-frott tal-wirt tiegħu". Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attur ikkalkula d-dannu u ssottometta li "l-parametri huma bejn €193,263.70 u €231,916.50". Id-difiżi tal-konvenuti huma primarjament tnejn u ċjoè li l-azzjoni hija intempestiva u prematura u wkoll li għar-reklamar tad-danni l-attur jeħtieġlu jipprova illi aġixxew b'malintiż.*

*Ikkunsidrat;*

***L-Ewwel Eċċezzjoni: L-azzjoni attriċi hija intempestiva u prematura***

*17. Il-konvenuti fissru li l-azzjoni hija intempestiva u dan għaliex il-proċeduri fl-ismijiet inversi bin-numru 55/2011 konsegwenti għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni għadhom għaddejjin, f'liema proċeduri qiegħed jintalab l-impunjattiva tat-testment li bih l-attur ġie istitwit eredi. Meta ġiet intavolata l-azzjoni odjerna, dawk il-proċeduri kienu fi stadju ta' provi konvenut. Illum il-ġurnata hemm sentenza mogħtija fit-28 ta' Frar 2020 fejn it-talba attriċi (konvenuti fil-proċedura odjerna) ġiet miċħuda, liema sentenza però ġiet appellata fit-8 ta' Ġunju 2020. Għal kull buon fini jiġi osservat li sad-data tal-kitba ta' din is-sentenza l-appell kien għadu mhux appuntat.*

*18. Sabiex tkun f'qagħda li tiddeċiedi tali eċċezzjoni jeħtieġ li jiġu studjati sew it-talbiet u b'mod partikolari l-premessi li fuqhom huma msawra t-talbiet.*

*19. Huwa paċifiku li n-natura u l-indoli ta' azzjoni attriċi li tadixxi lill-qorti jirriżultaw mill-att promotur, f'dan il-każ ir-Rikors Ġuramentat. In tema legali ssir referenza għas-sentenza* ***Capua Palace Limited vs. Boris Arcidiacono*** *mogħtija mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-30 ta' Jannar 2003 fejn ġie spjegat illi:*

> *«In-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jiġu misluta mit-termini tal-att li bih ikunu nbdew il-proċeduri. Normalment, b'dan wieħed jifhem li dak li kellu f'moħħu min ikun fetaħ il-kawża jkun irid jirriżulta mill-att taċ-Ċitazzjoni nnifsu u mhux minn provi li jitressqu iżjed 'il quddiem fil-kawża.»*

*20. L-attur ippremetta fir-raba' premessa li huwa minħabba l-mandat ta' inibizzjoni li huwa ma jistax jagħmel użu u jgawdi l-wirt. Fil-ħames premessa jerġa' jagħmel referenza għall-mandat ta' inibizzjoni u l-lista tal-proprjetà immobbli li tagħha ma jistax igawdi l-frott (kemm fil-forma tagħha kif ukoll bħala żvilupp, kirjiet, spekulazzjoni u oħrajn li huwa seta' jgawdi minnhom). Fis-sitt u l-aħħar premessa imbagħad jgħid hekk: "illi minħabba l-imsemmi mandat ta' inibizzjoni bin-numru 155/11 JZM ir-rikorrenti ma jistax jagħmel id-denunzja causa mortis u konsegwentement qiegħed jinkorri mgħax ta' tmienja fil-mija kull sena fuq it-taxxa dovuta". L-attur jinsisti li huwa minħabba l-mandat li huwa ma jistax imexxi u mhux minħabba l-kawża li ġiet kontestwalment ppreżentata. Huwa għaldaqstant evidenti li l-pern tal-azzjoni mhijiex il-kawża, li llum il-ġurnata hija pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell, iżda l-Mandat ta' Inibizzjoni.*

*21. L-eżitu finali tal-kawża fil-mertu ma għandu l-ebda rilevanza għall-kawża kif promossa mill-attur. L-attur rabat it-talbiet tiegħu għad-danni unikament fuq il-ħruġ tal-mandati kawtelatorji. Għalhekk skont l-attur il-konvenuti huma responsabbli għad-danni irrispettivament minn jekk għandhomx raġun fil-mertu. Mod ieħor, skont l-attur il-konvenuti ma kellhomx jedd jottjenu l-ħruġ ta' mandati kawtelatorji kontra tiegħu in kawtela tal-pretensjonijiet tagħhom kif dedotti fil-kawża fil-mertu.*

*22. **In vista tal-konsiderazzjonijiet appena magħmula l-Qorti tqis li l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti li l-kawża hija intempestiva ma hix fondata u għalhekk qed tiġi respinta.***

***Għar-reklamar tad-danni l-attur jeħtieġlu jipprova illi l-konvenuti aġixxew in mala fede.***

*23. Kif ġa ritenut, l-attur qiegħed jippretendi li għandu d-dritt jirreklama d-danni għal fatt li l-konvenuti intavolaw Mandat Kawtelatorju ta' Inibizzjoni bin-numru 155/2011. B'danni qiegħed ifisser taxxi, imgħaxijiet, multi u penali relatati mal-allegazzjoni tiegħu li ma jistax jagħmel id-dikjarazzjoni causa mortis u ma jistax igawdi dak li wiret.*

*24. Huwa miżmum li f'kawża ta' reklam għall-ħlas ta' danni hemm żewġ stadji li l-Qorti trid issegwi fil-konsiderazzjonijiet tagħha. L-ewwel jeħtieġ dikjarazzjoni dwar responsabbiltà u t-tieni, f'każ ta' affermazzjoni ta' dik ir-responsabbiltà, ikun imiss l-aċċertament tal-eżistenza u tal-miżura tad-danni.*

*25. Ġie stabbilit aktar 'il fuq li d-dannu allegatament soffert mill-attur huwa minħabba l-fatt li l-konvenuti ppreżentaw Mandat ta' Inibizzjoni. Din il-Qorti tibda billi tagħraf li l-**Artikolu 836 (8) u Artikolu 836 (9) tal-Kap. 12** jipprovdu ċ-ċirkostanzi fejn jistgħu jiġu attribwiti penali u danni rispettivament wara l-ħruġ ta' mandat kawtelatorju. Iżda kif ingħad fis-sentenza **John Zarb vs. Port Cottonera Limited** deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fit-18 ta' Settembru 2002 "fil-waqt li tista' taqbel li*

*ċ-ċirkostanzi ta' meta min ikun ħareġ mandat kawtelatorju jista jinsab responsabbli għad-danni, mhux limitati għal dak provdut fl-artikolu 836(8) tal-Kap. 12, tħoss li r-responsabbiltà trid toħroġ mill-applikazzjoni tal-artikolu 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), b'mod li jkun responsabbli biss jekk jaġixxi b'imprudenza, b'negliġenza jew mhux bil-ħsieb ta' bonus pater familias."*

*26.* ***Artikolu 1030 Kodiċi Ċivili*** *jipprovdi illi "kull min jagħmel użu ta' jedd tiegħu fil-qies li jmiss, ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b'dan l-użu". Di più, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu (Artikolu 1031 tal-Kapitolu 16). Jitqies fi ħtija kull min fl-azzjonijiet tiegħu ma jużax il-prudenza, diliġenza, u l-attenzjoni ta' bonus pater familias (Artikolu 1032). Għalhekk kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk (Artikolu 1033).*

*27. Huwa prinċipju aċċettat u fundamentali li jekk persuna teżerċita dritt li jispetta lilha u ċjoè jekk persuna tiftaħ kawża in buona fede għax verament tħoss li għandha raġun u tgħaddi sabiex tikkawtela l-pretensjoni tagħha bi ħruġ ta' mandat kawtelatorju, jekk għal xi raġuni titlef kawża, ma jfissirx li bilfors tkun passibbli għad-danni. Kieku kellu jkun miftiehem mod ieħor ikun qiegħed jingħata lok li min ikun fis-sewwa jitbiegħed li jitlob rimedju mill-Qorti u dan minħabba biża' reali li jitlef kawża, u li konsegwentement ikollu jħallas id-danni.*

*…*

*30. Minn din il-ġurisprudenza huwa ċar li prinċipju legali bażilari huwa li kull persuna għandha d-dritt li teżerċita d-drittijiet tagħha sakemm hija ma tabbużax minn dan id-dritt u ma jiġix muri li aġixxiet b'mod doluż jew vessatorju a skapitu ta' terzi. Fi kliem ieħor eżerċizzju ta' dritt ma jista' qatt iwassal għar-responsabbiltà għad-danni, sakemm dak id-dritt ma jkunx abbużat u jkun eżerċitat fil-limiti permessibbli mil-liġi. Huwa biss meta persuna taġixxi kapriċċożament jew b'mala fede, li tista' tkun responsabbli għad-danni li jsegwu l-aġir irresponsabbli tagħha. Il-prova li kien hemm abbuż mid-dritt u li kien hemm malintiż għandha tinġieb mill-attur. Li għandu jintwera huwa li kien hemm abbuż tad-dritt ta' azzjoni ġudizzjarja; il-fatt waħdu li t-talbiet atturi ma jkunux intlaqgħu fis-sentenza finali ma jfissirx li kien hemm vessatorjetà.*

*31. Applikati dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali għall-każ odjern il-Qorti tqis illi l-attur naqas milli jressaq prova li l-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni mill-konvenuti kien dovut għall-abbuż jew għall-vessatorjetà. Il-fatt li l-konvenuti kienu jafu li bil-mandat ta' inibizzjoni kienu ser iwaqqfu lill-attur milli jissokta bil-likwidazzjoni, bħala werriet ta' Saviour Zammit, ma tistax tittieħed bħala prova ta' mala fede peress li l-konvenuti kienu qegħdin jissalvagwardjaw l-interessi tagħhom u d-drittijiet li kienu qegħdin jippretendu li għandhom.*

> *32. Ladarba naqas milli jġib din il-prova, il-Qorti ma tistax tasal sabiex tikkonkludi li l-pretensjoni tal-konvenuti b'dak il-Mandat kienet temerarja jew kapriċċuża. Il-fatt li fil-mori tal-kawża odjerna, il-konvenuti ma ngħatawx raġun mill-Ewwel Qorti fil-kawża l-oħra mressqa minnhom fuq il-mertu (pendenti appell), ma jfissirx li kienu qed jaġixxu in mala fede. Kwindi ladarba kienu qegħdin jaġixxu sabiex jissalvagwardaw id-drittijiet u l-interessi tagħhom u fuq kollox ma ġiex muri mill-attur li kien hemm vessatorjetà min-naħa tal-konvenuti, m'għandhom qatt ikunu meqjusa bħala li aġixxew lil hinn mill-jedd tagħhom li jikkawtelaw il-pretensjonijiet tagħhom, irrispettivament jekk fil-mertu għandhomx raġun jew le.»*

9. B'rikors tal-appell imressaq fl-20 ta' Ottubru, 2023, l-attur Philip *sive* Pinu Azzopardi talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza tal-Ewwel Qorti billi tikkonfermha fejn ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti, filwaqt li tħassarha fil-bqija, tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet kollha tiegħu, u b'hekk tordna lill-konvenuti jħallsuh id-danni.

10. Il-konvenuti Rosina Cassar u Raphael Scerri wieġbu għall-appell tal-attur fl-4 ta' Diċembru, 2023 u hemm taw ir-raġunijiet tagħhom għalfejn jemmnu li dan l-appell għandu jiġi miċħud.

11. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

12. Fl-aggravju waħdieni tiegħu l-attur Philip Azzopardi jilmenta li

minħabba l-mandati kawtelatorji li nħarġu kontrih fuq it-talba tal-konvenuti, b'mod partikolari l-mandat ta' deskrizzjoni bin-numru 89/2011GCD u l-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 155/2011JZM, huwa mhux talli ma jistax jutilizza u jgawdi mill-wirt li ħallielu Salvatore Zammit, iżda agħar minn hekk qiegħed ibati danni kbar li jikkonsistu f'telf ta' dħul mill-operat tal-beni mħollija lilu u kif ukoll fl-eventwali ħlas ta' mgħaxijiet b'rata għolja fuq it-taxxa dovuta fuq il-wirt minħabba li huwa ma jistax jagħmel id-dikjarazzjoni *causa mortis* dwar il-wirt li ħallielu Salvatore Zammit. Jisħaq li minħabba l-mandat ta' inibizzjoni, hawn fuq imsemmi, huwa ma jistax igawdi l-frott tal-proprjetajiet immobbli li wiret, billi pereżempju, jiżviluppahom, jikrihom u jbiegħhom, u barra minn hekk qiegħed jeħel l-imgħaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija kull sena fuq it-taxxa dovuta fuq il-wirt minħabba li ma jistax jagħmel id-dikjarazzjoni *causa mortis*.

13. L-attur jixli lill-konvenuti li dawn imxew b'rieda ħażina meta żammew fis-seħħ il-mandat ta' inibizzjoni u b'hekk wasslu biex tellfuh milli jinvesti l-flus li wiret u ġabuh f'sitwazzjoni fejn qiegħed jeħel l-imgħaxijiet. Għalkemm jagħraf li kulħadd għandu l-jedd li jdur għall-qrati biex jenforza d-drittijiet tiegħu u jikkawtelahom, huwa jsostni li dan il-jedd jintemm hekk kif il-parti konvenuta tibda tbati danni finanzjarju. Jissokta jgħid li l-għan wara l-mandat ta' inibizzjoni li l-konvenuti ressqu kontrih ma kienx li jżommuh milli jillikwida l-wirt ta' Salvatore Zammit iżda kien sewwasew li huwa jbati danni finanzjarju, kemm f'telf ta' dħul u kif ukoll fil-mixi tal-

imgħaxijiet. Jargumenta li kieku ma kienx hekk, il-konvenuti kienu jressqu mandat biex iżommuh milli jbiegħ il-beni li rċieva mill-wirt u mhux milli jissokta bil-likwidazzjoni tal-wirt.

14. Huwa jagħlaq billi jgħid li s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża bin-numru 55/2011JA, li permezz tagħha l-konvenuti fittxew li jħassru l-aħħar testment magħmul minn Salvatore Zammit, tikkonferma li l-konvenuti mxew b'rieda ħażina għaliex it-talbiet tagħhom f'dik il-kawża ġew miċħuda, u b'hekk huwa ġie kkonfermat bħala l-werriet ta' Salvatore Zammit. Għalhekk, fil-fehma tiegħu, il-konvenuti għandhom jiġu kkundannati li jħallsuh id-danni.

15. Din il-Qorti tqis li ladarba l-azzjoni tal-attur hija mmirata biex il-konvenuti jħallsuh id-danni b'konsegwenza ta' ħruġ ta' mandati kawtelatorji kontra tiegħu, mela allura kollox jeħtieġlu jitqiegħed fil-qafas ta' żewġ prinċipji ewlenin: (i) l-ewwel wieħed huwa dak li min jirrikorri għal jedd li għandu ma jitqiesx li huwa responsabbli għal ħsara mġarrba minn ħaddieħor minħabba l-użu xieraq ta' dak il-jedd (ara l-**Artikolu 1030 tal-Kodiċi Ċivili**); u (ii) it-tieni wieħed huwa dak li min ifittex ir-rimedji tiegħu billi jirrikorri għall-awtorità ġudizzjarja, minflok jieħu l-liġi b'idejh, m'għandux jiġi mxekkel bla bżonn (ara ***First Gozo Limited v. John Cordina et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ottubru, 2024 u ***Avukat Larry Formosa nomine v. Simon Mallia*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-21 ta' Jannar, 2025).

16. Il-Qrati tagħna dejjem għarfu li l-jedd li wieħed idur għal rimedji ġudizzjarji m'għandux jitbiddel f'abbuż tal-proċedura bil-ħsieb, li biex idejjaq jew b'mod fieragħ, iġib il-parti avversarja f'qagħda li jkollha ċċedi għar-rikatt, għandha jew m'għandhiex raġun. Kien għalhekk ukoll li fil-qafas ta' kwistjonijiet ta' din l-għamla, il-Qrati tagħna, minn żmien għal żmien, fissru l-limiti u ċ-ċirkostanzi dwar fejn u kif jista' jitqies li jkun seħħ abbuż mill-proċess ġudizzjarju bi ħsara għal ħaddieħor.

17. Il-fatt waħdu li persuna tkun bdiet proċedura (magħduda magħha l-ħruġ ta' mandati biex tikkawtela l-azzjoni tagħha), li wara l-istħarriġ tal-Qorti, ma tiġix milqugħa, ma jfissirx b'daqshekk biss li dik il-proċedura, flimkien mal-mandati li jkunu nħarġu fuq is-saħħa tagħha, tkun saret b'abbuż tad-dritt li wieħed jirrikorri għall-Qorti (ara ***Denaro v. Page nomine*** maqtugħa mill-Qorti tal-Kummerċ fil-24 ta' Jannar, 1895).

18. B'mod ġenerali, l-abbuż mill-proċedura ġudizzjarja jitqies biss f'każijiet ta' rieda ħażina jew imġiba traskurata. Dan hu hekk, għaliex hu magħruf illi għalkemm il-liġi hi oġġettivament waħda għal kulħadd, fl-istess ħin hi spiss tagħti lok għal interpretazzjonijiet varji u soġġettivi li l-partijiet u s-soċjetà jafdaw f'idejn il-ġudikant biex jiddetermina u japplika (ara ***John Debono v. Gianna Cauchi et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fit-12 ta' Settembru, 2008 u ***Edward Pavia v. Dr Joseph Ellis et nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Jannar,

2024).

19. L-abbuż mill-proċedura ġudizzjarja jintrabat mal-qerq tal-persuna li tkun irrikorriet għaliha jew mal-frugħa tal-pretensjoni nnifisha (ara ***Emmanuele Calleja v. Carmelo Grima et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Jannar, 1955). Fejn ikun hemm element ta' mġiba fiergħa fi proċedura ġudizzjarja, dan normalment jixhed l-abbuż tal-proċess ġudizzjarju (ara ***Maria Giuseppe Mugliett et v. Avv. Dr Giorgio Bezzina*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 1926).

20. F'dan ir-rigward ingħad li għalkemm ir-raġunijiet li għalihom min ikun talab u kiseb il-ħruġ ta' mandat kawtelatorju jista' jinsab ħati għad-danni ma jintrabtux biss mal-erba' ċirkostanzi msemmija fl-**Artikolu 836(8) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, irid jintwera, taħt ir-regoli ġenerali tar-responsabbiltà (ara l-**Artikoli 1031** u **1032(1) tal-Kodiċi Ċivili**, li tali persuna tkun imxiet b'nuqqas ta' prudenza, traskuraġni jew nuqqas ta' ħsieb ta' ġenitur tajjeb tal-familja (ara ***John Zarb v. Port Cottonera Limited*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fit-18 ta' Settembru, 2002).

21. Il-proċedura ġudizzjarja titqies li tkun fiergħa meta l-kwistjoni mqajma fiha tkun waħda ta' mingħajr ebda preġju jew valur, vana, nieqsa mis-serjetà, manifestament nieqsa mis-sens jew tkun waħda li ma jistħoqqilhiex attenzjoni filwaqt li titqies vessatorja meta l-kwistjoni tkun

tqajmet mingħajr raġunijiet validi u bl-iskop li ddejjaq u tirrita lill-kontroparti (ara ***Alan Mifsud v. Avukat Ġenerali et*** mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta' Novembru, 1990 u ***Joseph Ciantar et v. Il-Prim Ministru ta' Malta*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-10 ta' Mejju, 1995).

22. Mill-banda l-oħra, persuna titqies li tkun wettqet ħsara b'manjiera doluża meta jiġi pruvat li dik il-persuna tkun imxiet bil-ħsieb partikolari li tikkaġuna l-ħsara u ttellef lil persuna oħra mill-użu ta' flusha jew meta l-ħsara li tkun wettqet, tkun konsegwenza immedjata u diretta tal-fatt li l-persuna li batiet il-ħsara ġiet hekk imtellfa l-użu ta' flusha (ara l-**Artikolu 1047(2) tal-Kodiċi Ċivili** u s-sentenza fl-ismijiet ***Johanna De Gaetano v. Edward De Gaetano*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Ġunju, 2024).

23. Imħaddem dan kollu għall-każ tagħna, din il-Qorti ma tarax li l-attur irnexxielu jipprova li l-azzjonijiet meħuda mill-konvenuti permezz tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 155/2011JZM u tal-mandat ta' deskrizzjoni bin-numru 89/2011GCD, imorru lil hemm mill-qies ikkontemplat fl-**Artikolu 1030 tal-Kodiċi Ċivili**, jew li dawn saru speċifikatament biex jagħmlulu l-ħsara. Huwa magħruf li mandat kawtelatorju jinħareġ bir-responsabbiltà ta' min ikun talbu u jista' hekk jintalab bil-ħsieb li jqiegħed fiż-żgur il-jeddjiet tiegħu mingħajr ma huwa meħtieġ li qabel ikun hemm deċiżjoni (ara l-**Artikolu 829 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**). F'dan il-każ, il-konvenuti kellhom

kull dritt li jressqu mandati kawtelatorji kontrih biex iżommuh milli jiddisponi mill-ħwejjeġ imħollija minn Salvatore Zammit wara mewtu, sakemm damet għaddejja l-kawża li biha huma kienu qegħdin jikkontestaw l-aħħar testment ta' Salvatore Zammit. Wara kollox, dawn il-mandati kawtelatorji nħarġu wara li l-konvenuti rnexxielhom jikkonvinċu lill-Qorti li ħarġtihom, li mal-ewwel daqqa' t'għajn, huma kellhom jedd x'jikkawtelaw.

24. Issa huwa minnu li fl-aħħar mill-aħħar, it-talbiet tal-konvenuti f'dik il-kawża ġew miċħuda, kemm mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili b'sentenza tat-28 ta' Frar, 2020, u kif ukoll mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tal-21 ta' Jannar, 2025. Iżda bil-fatt waħdu li l-konvenuti fittxew li jħarsu l-interessi tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam mal-wirt li ħalla warajh Salvatore Zammit, ma jagħmilhomx ħatja ta' għemil doluż jew ta' mġiba kappriċċuża jew traskurata li tista' twassal biex huma jkunu responsabbli għad-danni. Fil-fehma ta' din il-Qorti, fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ: (i) il-ftuħ tal-kawża bin-numru 55/2011JA; (ii) l-appell imressaq mis-sentenza tat-28 ta' Frar, 2020; u (iii) it-talbiet għall-ħruġ tal-mandati msemmija, ma jistgħux jitqiesu bħala mġiba meħuda b'nuqqas ta' rażan, b'tali mod li din tista' twassal għal ħolqien ta' danni. Wara kollox, f'dik il-kawża, la l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, u lanqas il-Qorti tal-Appell ma għaddew xi kumment fis-sens li l-azzjoni mressqa mill-konvenuti kienet waħda fiergħa jew vessatorja.

25. B'żieda ma' dan, l-attur ma ressaq ebda prova ta' x'kienu dawn id-danni li jgħid li ġarrab għajr id-dikjarazzjoni x'aktarx ġenerika tiegħu li huwa ma setax jużа, jikri jew ibiegħ il-beni mħollija lilu b'wirt. Tassew, l-attur ma ressaq ebda prova konkreta li huwa sab il-bejgħ jew il-kiri ta' xi wħud mill-immobbli li ħalla warajh Salvatore Zammit, u li huwa spiċċa tilef il-bejgħ jew il-kiri tagħhom sewwasew minħabba l-effetti tal-mandati kawtelatorji maħruġa kontra tiegħu.

26. Issa fir-rikors tal-appell tiegħu, l-attur jargumenta li kieku l-konvenuti tassew kellhom intenzjonijiet tajbin, huma ma kinux iżommuh milli jissokta bil-likwidazzjoni tal-wirt imħolli minn Salvatore Zammit, iżda kienu jżommuh biss milli jbiegħ il-beni li jagħmlu parti minn dan il-wirt. Din il-Qorti jkollha tistqarr li din id-distinzjoni li jipprova jagħmel l-attur, ma tinftehimx. Huwa ċar li l-mandat ta' inibizzjoni li ressqu kontrih il-konvenuti kellu l-għan li jżomm lill-attur milli b'xi mod ineħħi minn idejh jew jibdel in-natura tal-beni u l-ħwejjeġ imħollija minn Salvatore Zammit wara mewtu. Dan, fil-fehma tal-Qorti jagħmel sens u kien pass għaqli, għaliex f'każ li l-konvenuti ngħataw raġun fil-kawża tagħhom biex iħassru l-aħħar testment ta' Salvatore Zammit, kull att li seta' jitwettaq mill-attur bħala werriet ta' Salvatore Zammit kien sejjer joħloqilhom preġudizzju li ma setax jissewwa. Għalhekk, din is-sottomissjoni tal-attur m'għandhiex mis-sewwa.

27. Hekk ukoll, l-attur mhuwiex siewi meta jgħid li l-mandat ta' inibizzjoni inkwistjoni xekklu jew żammu milli jagħmel id-dikjarazzjoni *causa mortis* dwar il-wirt ta' Salvatore Zammit, u li minħabba f'hekk huwa qiegħed jeħel l-imgħaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena fuq it-taxxa dovuta fuq il-proprjetajiet immobbli li jagħmlu parti mill-wirt. Tassew, id-denunzja ta' proprjetà hija att unilaterali tal-werriet (ara ***Rita Cutajar et v. Ġużeppa Theuma et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' April, 2012) li bih l-attur żgur ma kienx sejjer jiddisponi minn xi beni mħollija lilu fil-wirt jew saħansitra jillikwida l-wirt, u b'hekk seta' jitwettaq minnu f'kull waqt mingħajr ebda xkiel. Fuq kollox, ir-rappreżentanta tal-Kummissarju tat-Taxxi xehdet f'din il-kawża li l-Kummissarju qatt ma kellu ċirkostanza fejn irrifjuta li jirċievi d-dikjarazzjoni *causa mortis*, u li f'kull każ, l-attur għadu fiċ-ċans li jitlob lill-Kummissarju jaħfirlu l-imgħaxijiet li hemm miexja fuq it-taxxa li hija dovuta billi jressaq bħala raġuni ċ-ċirkostanza partikolari tiegħu fejn il-wirt imħolli lilu kien qiegħed jiġi kkontestat.

28. Din il-Qorti tifhem li l-attur seta' sabha x'aktarx bi tqila biex iħallas it-taxxa dovuta fuq il-wirt li ħalla Salvatore Zammit, dment li dan il-wirt kien għadu jinsab taħt kontestazzjoni. Fl-istess waqt, iżda, ma kien hemm xejn xi jżomm lill-attur milli jaqbad u jħallas din it-taxxa, u jitlob ir-rifużjoni tagħha minħabba li din ma kinitx dovuta minnu, fl-eventwali każ li l-konvenuti rnexxielhom iħassru t-testment li bih huwa nħatar werriet ta' Salvatore Zammit. Jiġi b'hekk, li l-attur ma jistax jgħid li ġarrab id-danni,

ladarba kienet sewwasew l-għażla tiegħu li jistenna l-eżitu tal-kawża miftuħa mill-konvenuti qabel jgħaddi biex iħallas it-taxxa.

29. Terġa' u tgħid, ladarba l-allegazzjoni tal-attur li huwa ġarrab id-danni ddur kollha kemm hi mal-mandati kawtelatorji li nħarġu kontrih, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh il-prinċipju li d-danneġġat huwa mistenni li jagħmel kulma jista' biex inaqqas id-dannu li jgħid li jkun ġarrab. B'mod partikolari, f'din il-kawża l-attur ma weriex li minkejja li l-konvenuti baqgħu jżommu fis-sħiħ il-mandati, huwa nqeda bir-rimedju li tagħtih il-liġi billi talab it-tħassir ta' dawn il-mandati fuq xi waħda mill-kawżali misjuba fl-**Artikolu 836(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jew saħansitra billi talab li l-konvenuti eżekutanti jiġu ordnati jħallsuh il-penali skont l-**Artikolu 836(8)(d) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

30. Li kieku tabilħaqq kienu jeżistu l-estremi msemmija fl-artikoli tal-liġi, hawn fuq imsemmija, l-attur seta' mhux biss kiseb it-tħassir tal-mandati maħruġa kontrih iżda seta' wkoll kiseb deċiżjoni ta' Qorti li tikkundanna lill-konvenuti jħallsuh il-penali, li kieku din sabet li l-mandati maħruġa kontrih kienu malizzjużi, fiergħa jew vessatorji. Madankollu, ma jidhirx li l-attur irrikorra għal dawn ir-rimedji. Imġiba din, li fil-fehma ta' din il-Qorti, tikkonferma li l-attur ma kienx qiegħed jagħraf li l-konvenuti talbu l-ħruġ ta' mandati kontrih b'mod abbużiv jew b'rieda ħażina (ara ***Emanuel***

***Cutajar et v. Peter Plant Ltd*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Marzu, 2017 u ***Maria Concetta sive Mari Shires pro et noe et v. Joseph Bonello et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Ottubru, 2019).

31. B'hekk, ifallu għalkollox it-talbiet tal-attur biex il-konvenuti jiġu ordnati jħallsuh id-danni. Fid-dawl ta' dan kollu, l-appell tal-attur qiegħed jiġi miċħud.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell tal-attur Philip *sive* Pinu Azzopardi u tikkonferma f'kollox is-sentenza tal-Ewwel Qorti, bl-ispejjeż kollha kontrih.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss